C/2025/2263

11.4.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11923 — GS / HG / TRACKUNIT)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2263)

1. Fit-2 ta' April 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Tracer Lux Holdco S.à r.l. ("Lux Holdco", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn Goldman Sachs Group, Inc. ("GS", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Hg Pooled Management Limited ("Hg", ir-Renju Unit),

GS u Hs se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Galaxy UK Topco Limited ("Trackunit", ir-Renju Unit), li qabel kienet ikkontrollata kollha kemm hi minn Hg.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— LUX Holdco hija veikolu bi skop speċjali maħluq għall-fini tal-implimentazzjoni tat-tranżazzjoni, ikkontrollata minn GS, li hija ditta globali bankarja, tat-titoli u tal-ġestjoni tal-investimenti,

— Hg hija investitur f'negozji tas-software u tas-servizzi.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Trackunit huma dawn li ġejjin: bejjiegħ tat-telematika tal-vetturi u tat-tagħmir li jiġbor u janalizza d-data tal-magni f'ħin reali biex jagħti informazzjoni predittiva.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11923 — GS / HG / TRACKUNIT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË